

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

Azzjoni ta' Riċerka Universitarja: Riżultati tal-Kumitat tal-Għażla ta' EIBURS 2011

(2011/C 359/11)

Data tal-ħruġ: 9 ta' Diċembru 2011

Il-Programm ta' Sponsorship ta' Riċerka Universitarja tal-BEI (**EIB-University Research Sponsorship Programme — EIBURS**) huwa parti mill-Azzjoni ta' Riċerka Universitarja tal-BEI, li permezz tagħha l-BEI jimmira li jrawwem ir-relazzjonijiet istituzzjonali tiegħu ma' universitajiet. EIBURS jipprovdi għotjiet lil ċentri ta' riċerka universitarja li jaħdmu fuq suġġetti u temi ta' riċerka ta' interess ewlieni għall-Bank. Il-boroż ta' studju tal-BEI, li jammontaw sa EUR 100 000 fis-sena għal perjodu ta' tliet snin, jingħataw permezz ta' proċess kompetittiv lil dipartimenti universitarji interessati jew ċentri ta' riċerka assoċjati ma' universitajiet fl-UE, pajjiżi kandidati jew pajjiżi kandidati potenzjali, b'ħila esperta rikonoxxuta f'oqsma ta' interess dirett għall-Bank. L-għan tal-borża ta' studju huwa li jippermetti liċ-ċentri magħżula li jespandu l-attivitajiet tagħhom f'dawn l-oqsma.

Għall-perjodu 2011-2014, il-programm EIBURS għażel tliet linji ta' riċerka:

- Skemi Ewropej ta' Proprjetà Intellettuali (PI) u l-impatt tagħhom fuq it-trasferiment tat-teknoloġija/Finanzjament ta' PI
- Analiżi tal-ħtiġijiet tal-investment fis-setturi tal-infrastruttura
- Iż-żieda tar-riskju tal-kreditu fil-mikrokreditu: oriġini, sinjali ta' twissija, stat attwali u prospetti futuri

Il-BEI rċieva 22 proposta formali għat-3 sponsorships tal-EIBURS proposti għall-perjodu 2011-2014. It-tabella li ġejja tindika d-distribuzzjoni tal-applikanti skont il-pajjiż u t-tema:

EIBURS 2011	Skemi Ewropej ta' PI u l-impatt tagħhom fuq it-trasferiment tat-teknoloġija/Finanzjament ta' PI	Analiżi tal-ħtiġijiet tal-investment fis-setturi tal-infrastruttura	Iż-żieda tar-riskju tal-kreditu fil-mikrokreditu: oriġini, sinjali ta' twissija, stat attwali u prospetti futuri	TOTAL
BE		1		1
DE	1			1
ES		2	1	3
FR			3	3
GR		3		3
IT	2		2	4
NL			2	2

EIBURS 2011	Skemi Ewropej ta' PI u l-impatt tagħhom fuq it-trasferiment tat-teknoloġija/Finanzjament ta' PI	Analiżi tal-ħtiġijiet tal-investiment fis-setturi tal-infrastruttura	Iż-żieda tar-riskju tal-kreditu fil-mikrokreditu: oriġini, sinjali ta' twissija, stat attwali u prospetti futuri	TOTAL
PT	1	1		2
RO			1	1
UK			2	2
Total	4	7	11	22

Il-Kumitat tal-Universitajiet tal-BEI ddeċieda, fit-13 ta' Ottubru 2011, li jagħti EIBURS fuq il-linja ta' riċerka:

- Analiżi tal-ħtiġijiet tal-investiment fis-setturi tal-infrastruttura lil Katholieke Universiteit Leuven (il-Belġju)
- Iż-żieda tar-riskju tal-kreditu fil-mikrokreditu: oriġini, sinjali ta' twissija, stat attwali u prospetti futuri lil Université Paris 1 Sorbonne-Panthéon (Franza)

Ma setgħet tittieħed ebda deċiżjoni dwar il-linja ta' riċerka "Skemi Ewropej ta' PI u l-impatt tagħhom fuq it-trasferiment tat-teknoloġija/Finanzjament ta' PI". Ġew magħżula żewġ proposti u deċiżjoni finali dwar min se jirċievi din il-borża ta' studju hija mistennija li tittieħed dalwaqt. Ir-riżultat tal-proċedura tal-għażla jitħabbar fuq il-paġna tal-web tal-BEI-Universitajiet.

Il-programm ta' attivitajiet previst mit-3 EIBURS ser jiġi ppubblikat fuq il-paġna ewlenija tal-Azzjoni ta' Riċerka Universitarja tal-BEI malli jkun ġie ffirmat il-kuntratt mal-Universitajiet.

L-applikanti kollha ġew infurmati direttament dwar dawn ir-riżultati.

Huwa mistenni li l-fażi li jmiss ta' EIBURS tiġi mnedija fix-xhur li ġejjin. It-temi li għandhom jiġu proposti ser jiġu mħabbra mat-tnedija.

Għal informazzjoni aktar estensiva dwar EIBURS u dwar il-programmi u l-mekkaniżmi l-oħrajn tal-Azzjoni ta' Riċerka Universitarja tal-BEI, **STAREBEI (STAgés de REcherche BEI)** u **Networks Universitarji tal-BEI**, jekk jogħġbok żur il-paġna ewlenija tal-Azzjoni ta' Riċerka Universitarja tal-BEI.